MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MICALLEF JOSEPH R.**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1125/2001/1

**Maria Theresa DESIRA**

**vs**

**Wayne u Sharon konjuġi ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-21 ta' Ġunju, 2001, li bih l-attriċi ippremettiet:

Illi l-attriċi xtrat u akkwistat permezz ta' att pubbliku in atti Nutar Dr. Victor J. Bisazza datat 8 ta' Jannar 1999 il-fond, ossia pent-house flat numru disgħa (9), formanti parti minn blokk ta' tmien (8) flats, magħrufa bl-isem Tajina Flats, fi Triq l-Iskuna, fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Baħar; u

Illi dan il-bejgħ kien jinkludi wkoll l-arja soprastanti l-istess pent-house; u

Illi l-bejgħ tal-arja huwa soġġett għat-tqegħid ta' tank ta' l-ilma mis-sidien tal-flats sottostanti dak tal-attriċi, kif ukoll għall-installazzjoni ta' television aerial li jkun in komunjoni għall-flats kollha tal-blokk, u dan kif jirriżulta mill-klawsola (a) tat-tieni parti tal-imsemmi kuntratt; u

Illi għall-aħħar t'April 2001, il-konvenuti *qua* proprjetarji tal-fond numru tnejn (2) tal-istess blokk ta' flats, arbitrarjament u mingħajr il-kunsens tal-attriċi installaw *satellite dish* fuq l-arja proprjeta' tal -attriċi; u

Illi l-istallazzjoni ta' dan is-*satellite dish* jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti tad-drittijiet tal-attriċi fil-pussess u tgawdija tal-arja soprastanti l-pent-house bin-numru 9, Tajina Flats fi Triq l-Iskuna, Qawra limiti ta' San Pawl il-Baħar, proprjeta' tal-attriċi;

Għalhekk l-attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll klandestin u vjolenti għad-danni tal-attriċi, għar-ragunijiet premessi;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jagħmlu dawk ix-xogħlijiet rimedjali opportuni sabiex jirriprestinaw l-arja soprastanti l-fond proprjeta' tal-attriċi, għall-istat originali tiegħu, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' Perit nominandi;

3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-istess attriċi tagħmel dawn ix-xogħlijiet rimedjali a spejjeż tal-konvenuti;

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat illi l-imħarrkin, notifikati kif imiss b'kopja tal-Att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ fid-19 ta' Settembru, 2001[1], naqsu li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien lilhom mogħti mil-liġi u kif ukoll li jikkontestaw b'xi mod ieħor il-kawża, u b'hekk waqgħu kontumaċi;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-29 ta' Novembru, 2001, li fih il-Qorti ġiet mgħarrfa li l-konvenuta mietet matul iż-żmien li l-kawża kienet għaddejja, u li, matul l-aħħar jiem ta' qabel, l-oġġett mertu tal-azzjoni attriċi tneħħa minn fejn kien tqiegħed, u għalhekk l-attriċi ċediet il-kawża fil-mertu imma żammet sħaħ it-talbiet tagħha kontra l-imħarrek għall-ispejjeż tal-kawża;

Semgħet ix-xiehda tal-attriċi dwar il-kap tal-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-6 ta' Marzu, 2002, li matulu l-imħarrek talab lill-Qorti tħallih jikkontesta l-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tat-23 ta' Mejju, 2002[2], li bih ċaħdet it-talba tal-imħarrek magħmula f'rikors tiegħu tas-6 ta' Marzu, 2002, biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu;

Rat id-Degriet tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2002, li bih tat lill-imħarrek żmien biex iressaq sottomissjonijiet u ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż;

Rat illi l-imħarrek naqas li jressaq Nota ta' Sottomissjonijiet fiż-żmien lilu mogħti;

***Ikkunsidrat:***

Illi din kienet azzjoni ta' spoll privileġġjat. L-attriċi fetħet kawża kontra l-imħarrek u l-mara tiegħu talli waħħlu dixx tas-satellita fuq il-bejt tagħha mingħajr il-kunsens tagħha.

[1] Ara r-riferta f'pa[. 15 *tergo* tal-pro`ess
[2] Pa[. 35 tal-pro`ess

Dan sar lejn l-aħħar t'April, tal-2001. Il-kawża nfetħet fil-21 ta' Ġunju, 2001, u l-atti tal-kawża twasslu għand l-imħarrkin f'Settembru tal-istess sena;

Illi mill-provi mressqin, jirriżulta li lejn nofs Novembru, 2001, l-imħarrka Sharon Attard mietet f'ċirkostanzi traġiċi[3], u fl-24 ta' Novembru, 2001[4], id-dixx tneħħa mill-imħarrek, wara li kien għarraf lill-attriċi b'dak li kien sejjer jagħmel. Meta l-partijiet dehru għas-smigħ tad-29 ta' Novembru, 2001, li kien l-ewwel smigħ effettiv tal-kawża, l-attriċi ċediet il-mertu tal-azzjoni tagħha billi l-oġġett li minħabba fih kienet saret il-kawża kien tneħħa minn fejn kien tqiegħed;

Illi l-imħarrek baqa' ma ressaq l-ebda spjegazzjoni għaliex dak li xehdet l-attriċi m'għandux jitwemmen, għalkemm ingħata l-fakulta' li jagħmel dan. Iċ-ċirkostanzi traġiċi li laqtu lill-imħarrek fil-mori tal-kawża ma jbiddlu xejn mill-fatt li, sa dak inhar, l-attriċi kienet imġegħla tersaq b'kawża fil-qorti biex tħares il-jeddijiet tagħha. Lanqas jista' jingħad li l-imsemmija ċirkostanzi traġiċi ġew kawżati mill-attriċi. Daqstant ieħor ma jistax jingħad li l-attriċi għandha tbati minħabba dawk iċ-ċirkostanzi, meta kulma kienet għamlet kien li tħares jeddijietha fuq ħwejjiġha. Il-massima *qui suo jure utitur neminem laedere* japplika sewwa f'każ bħal dan;

Illi r-raġuni li għaliha l-imħarrek neħħa d-dixx minn fuq il-bejt ma tbiddel xejn mill-fatt li dan neħħih wara li nbdiet il-kawża. Ukoll kieku ma kienx ġie notifikat bl-atti tal-kawża, xorta waħda kien jibqa' l-fatt li l-attriċi mexxiet bil-kawża qabel it-tneħħija tad-dixx minn fejn kien tqiegħed. Fis-sewwa, meta l-imħarrek ressaq it-talba biex jitħalla jikkontesta l-kawża, d-dixx kien diġa' neħħih minn postu, imma bil-kawża kien mgħarraf ukoll. Dak inhar li l-imħarrek deher quddiem il-Qorti l-ewwel darba ma qanqal l-ebda kwestjoni dwar is-siwi tan-notifika tal-atti tal-kawża. Kien biss madwar tliet xhur u nofs wara, waqt is-smigħ tas-6 ta' Marzu, 2002, li talab li jitħalla jikkontesta l-kawża.

[3] Dok "MTD2", f'pa[.28 tal-pro`ess

[4] Affidavit tal-attri`i 27.2.2002, f'pa[. 26-7 tal-pro`ess; u xhieda ta' Maria Desira 5.2.2002, f'pa[. 23 tal-pro`ess

Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ma hemm l-ebda raġuni siewja li twassalha biex tqis li l-attriċi ma jistħoqqilhiex titlob li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-imħarrek;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi l-kawża billi, fil-kontumaċja tal-imħarrek:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel tliet talbiet attriċi** billi l-mertu tagħhom ġie eżawrit waqt is-smigħ tal-kawża; u

**Tikkundanna lill-imħarrek** iħallas l-ispejjeż tal-kawża billi irriżulta li kien hu li neħħa d-dixx tas-satellita mertu tal-azzjoni attriċi wara li kienet inbdiet din il-kawża.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**7 ta' Novembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**7 ta' Novembru, 2002**